MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 11/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 293553(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta’ Frar, 2011 ghall-habta tat-15.45 hrs f’Misrah il-Knisja, Birżebbuġa,  fi Triq il-Bajja s-Sabiha, Birżebbuġa, fi Triq San Patrizju Birżebbuġa u fi Triq Hal-Far, Birżebbuġa

1. naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija minn PS 853 F. Sciberras persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta’ dmirijietu;

2. saq vettura numru CRX 028 b’manjiera perikoluza;

3. saq vettura numru CRX 028 b'manjiera traskurata;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi matul dawn l-ahhar xhur, saq l-imsemmija vettura numru CRX 028 tal-marka 'Honda' waqt li kien fi zmien ta' sospenzjoni jew skwalifika tal-licenzja tas-sewqan b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 19 ta' Frar, 2010 (Imhallef Dr. D. Scicluna LL.D);

5. saq vettura numru CRX 028 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta;
6. sar recediv b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 19 ta' Frar, 2010 (Imhallef Dr. D. Scicluna LL.D) u sentenza ohra mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 22 ta' Gunju, 2010 (Magt. Dr. A. Micallef Trigona LL.D) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Dicembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 15 tal-Kap. 65 kif ukoll l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha migjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' €200 u piena ta' priġunerija ta' xahrejn (2).

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 skwalifikat lill-appellant għal żmien tnax (12)-il xahar milli japplika għal-liċenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minnha u fin-nuqqas timponi sentenza aktar ekwa u gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti peress li m'hemmx evidenza li l-appellant kien qed isuq il-vettura hawn fuq imsemmija.

Illi s-sentenza mhix ekwa u ġusta.

Rat illi l-Avukat Ġenerali fis-seduta tad-19 t'April eċċepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell minħabba li l-fatti fil-qosor ma jkoprux l-ewwel tliet imputazzjonijiet.

Dwar il-fatti, fir-rikors promotorju l-appellant issottometta hekk:

''Illi fil-ġurnata hawn fuq imsemmija kien hemm rapport li l-appellant kien qiegħed isuq.'

Minn eżami akkurat tal-affidavits jirriżulta li kien hemm aktar dettalji li riedu jkunu nklużi fil-fatti fil-qosor minn dawn l-erbatax-il kelma li l-appellant uża biex jiddeskrivi x'kien ġara.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali.

Il-Qorti xorta semgħet ix-xhieda mill-ġdid ta' Brian Farrugia, rappreżentant tal-Awtorita' dwar it-Trasport u rat l-affidavits ta' PC 1331 u ta' PC 1321. L-appellant kien xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali iżda huwa pprefera li ma jixhidx quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (ara fol 71 u 73).

Is-Sur Brian Farrugia reġa' kkonferma li l-appellant kellu d-driving license revokata f'Awwissu tas-sena 2000.

Mill-affidavits jirriżulta li l-appellant m'obdiex lill-pulizija u li huwa kien qed isuq b'mod perikoluż (ara fol 2 u 3). Tant kien qed isuq b'mod perikoluż li kien kważi daħħal lill-Pulizija fil-bankina. L-appellant saq ukoll fin-nofs billi qagħad jiddevja minn karreġġjata għall-oħra u b'hekk ostakola iż-żewġ karreġjati. Kull meta l-pulizija kienu qed jilħquhkull darba kien qed jitfagħhom fil-karreġġjata

opposta. Minkejja li kienu daqqewlu l-horn diversi drabi, l-appellant ma waqafx u spiċċaw idoqqulu s-sirena u xegħlu l-beacon lights.

Wara li rat dawn il-fatti, il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

Dwar it-tieni aggravju, jekk wieħed iqis li l-piena għal sewqan perikoluż waħidha titla' għal tliet xhur priġunerija jew multa t'a 232.94 waqt li l-piena għal sewqan waqt sospensjoni ta' sewqan titla' sa sitt xhur (ara artikolu 59 tal-Kap 65), mingħajr ma wieħed iqis imputazzjonijiet oħra u l-addebitu tar-reċidiva, kundanna għal piena ta' xahrejn priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €200.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant ukoll.

**Konklużjoni.**

Il-Qorti, wara li fliet l-atti tal-proċess u x-xhieda sabiex ma jkun hemm ebda inġustizzja, qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali. Għalhekk qed tiddikjara l-appell irrit u null u konsegwentement qed tkun ikkonfermata s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi nhar il-21 ta' Diċembru 2011. L-iskwalifiki tal-liċenzja mis-sewqan jidħlu fl-effett seriatim.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------